

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# IL-BUDGET 1982

"Dal-Budget, bil-benefiċċji li ser itejjeb u jkompli jagħti lill-klassijiet kollha tal-popolazzjoni, speċjalment lill-ħaddiema, huwa Budget li mexa' fit-triq tal-Budgets l-oħra ta' dan il-Gvern, it-triq id-dritta, it-triq tar-responsabbilità u s-serjetà, it-triq li dejjem wasslitna għar-rebħa".

Suppliment il-Gżejjer

# Il-Budget 1982 fil-Qosor

| | | | £M'miljuni |
|---|---|---|---|
| Stima ta' bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar 1982 | | | 32.2 |
| NEFQA | | | |
| Rikorrenti ........................................ | 183.7 | | |
| Kapitali: Infrastrutturali u Soċjali .................. | 13.8 | | |
| Investiment (i) ......................... | 23.0 | 220.5 | |
| DĦUL | | | |
| Rikorrenti ........................................ | 203.2 | | |
| Għotjiet u self għall-iffinanzjar ta' investiment ...... | 15.6 | 218.8 | |
| Stima ta' żbilanċ fil-Budget ........................ | | | 1.7 |
| Stima ta' bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru 1982 ..................................... | | | 30.5 |

(i) Dan jeskludi investimenti kapitali stmati madwar £M15-il miljun mill-Korporazzjonijiet Parastatali bħal l-Enemalta u t-Telemalta u minn kumpanniji bħall-Air Malta bil-maġġoranza tal-ishma tagħhom f'idejn il-poplu Malti.

**In-Nefqa Rikorrenti** tikkonsisti l-aktar f'pagi li l-Gvern jagħti lill-impjegati tiegħu u f'servizzi soċjali speċjalment l-Iskema tas-Sigurtà Nazzjonali, is-Saħħa u l-Edukazzjoni.

Il-parti l-kbira tan-**Nefqa Kapitali** tmur f'investiment. **Id-dħul Rikorrenti** jikkonsisti l-aktar minn dazju u sisa, liċenzi, taxxa fuq id-dħul, dħul mill-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali, dħul mill-kiri ta' proprjetà, lotteriji, qligħ mill-Bank Ċentrali u dħul ieħor.

# INVESTIMENT

## TELEKOMMUNIKAZZJONIJIET

Minkejja l-iżvilupp kbir li sar f'dawn l-aħħar snin fis-servizz tat-telekommunikazzjoni xorta waħda tinħass il-ħtieġa li dan is-servizz ikompli jikber biex ilaħħaq mad-domanda. Għaldaqstant qed tiġi provduta s-somma konsiderevoli ta' £M2.65 miljuni għall-infieq fuq is-servizz tat-telefon. Ma' din l-ispiża, l-Korporazzjoni Telemalta ser toħroġ mill-fondi tagħha l-ispiża kapitali fuq it-telekommunikazzjonijiet esterni

Barra s-somma msemmija ta' £M2.65 miljuni hemm provduta wkoll taħt l-istess vot is-somma ta'kwart ta' milljun lira għax-xiri ta'tagħmir tat-televiżjoni bil-kulur.

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
LIBRARY


Apparat modern fl-exchange tat-telefon fiż-Żejtun.

# INVESTIMENT

## INDUSTRIJA

Bħal fis-snin l-oħra, l-akbar wieħed fost il-voti kapitali huwa l-vot ta' l-Iżvilupp ta' l-Industriji b'somma ta' £M9.42 miljuni, li minnha £M4.0 miljuni se jiġu nvestiti fil-Malta Shipbuilding Company Limited, £M1.3 miljuni jintefqu fuq il-proġett tal-Funderija li qed tinbena f'Ħal Far, u £M1.8 miljuni jmorru għall-bini ta' fabbriki.



▲ Il-Qasam Industrijali f'Ħal Far.

▼ It-Tarzna tal-Marsa.



# BENEFIĊĊJI SOĊJALI

## NEFQA REKORD TA' £M220.5 MILJUNI

INKOMPLU INSAHHU DAK LI BNEJNA S'ISSA

"Dejjem skond il-prinċipji ta' ġustizzja soċjali li waqqaf u ħaddem il-Gvern Soċjalista Malti, sejrin inkomplu ntejbu l-benefiċċji soċjali, u fl-istess ħin inħarsu aħjar is-saħħa tal-poplu, u nsaħħu l-livell tal-għixien tal-ħaddiem, inkabbru l-abbilta' tiegħu biex ikun jista' jaħdem b'effiċjenza akbar u b'hekk ikabbar il-ġid tal-pajjiż fl-interess tiegħu nnifsu u tan-Nazzjon. Mill-banda l-oħra, biex nilħqu dawn l-għanijiet qed inkomplu bil-program ta' żvilupp ekonomiku li għamilna s'issa u fl-istess ħin inqassmu bil-ħaqq il-ġid miksub."

- Sabiex jiġu inkoraġġiti dejjem aktar l-attivitajiet kulturali u sportivi ġo pajjiżna l-Gvern beħsiebu jeżenta r-rappreżentazzjonijiet kulturali ta' talent lokali (live shows) u l-logħob tal-football mit-Taxxa tad-Divertiment fuq il-biljetti tad-dħul.



# Benefiċċji Soċjali

GĦIXIEN AĦJAR
GĦALL-POPLU MALTI




Ma' dan wieħed irid iżid il-''bonus'' tas-sena li kien jammonta fil-ġimgħa għal 38c5 (1974), 69c2 (1975), 92c3 (1976), £M1.15,4 (1977), £M1.38,5 (1978), £M1.53,8 (1979), £M1.76,9 (1980) u £M1.92,3 (1981). Fl-1982 il-''bonus'' se jitla' għal £116 (£M2.23,1 fil-ġimgħa).

## ● ŻIEDA FIL-PAGI

Il-pagi kollha se jiżdiedu b'£M3.00,0 fil-ġimgħa b'effett mill-1 ta' Jannar 1982. Għalhekk il-paga minima nazzjonali titla' minn £M26.88 għal £M29.88.

Fl-istess ħin il-paga ta' l-istudent ħaddiem tiżdied b'£M1.50 fil-ġimgħa.

Il-Gvern wiegħed ukoll illi jekk ikun hemm żidiet fil-prezzijiet ta' l-enerġija wara l-1 ta' April 1982, jiġifieri żidiet fil-prezzijiet tal-petrol, pitrolju, elettriku, diesel u gas, il-Gvern jerġa' jagħti żieda oħra fil-pagi biex tagħmel tajjeb għaż-żieda fil-għoli tal-ħajja. Għal dan il-għan il-Gvern lest li jagħmel ''Mini Budget'' biex jipprovdi l-flus meħtieġa.

---

''Tejjibna l-kondizzjonijiet tax-xogħol u daħħalna għall-ewwel darba in-''National Minimum Wage'', u paga għan-nisa daqs dik ta' l-irġiel u żidna l-pagi sena wara sena mhux biss għall-impjegati tal-Gvern, imma anke għall-ħaddiema kollha tal-partikular.''

---

# BONUS TAS-SENA




## ● ŻIEDA FIL-BONUS

Il-Bonus tas-sena li se jitla' minn £M100 għal £M116 jinagħta kemm lill-ħaddiema kif ukoll lill-pensjonanti kollha.

# Benefiċċji Soċjali

PEDAMENT SOD
TAL-GVERN SOĊJALISTA




● Iċ-"Children's Allowance" ta' ġimgħa għall-ewwel tlett itfal — £M7.90 laħqet il-paga minima li kien idaħħal ħaddiem tal-Gvern fl-1971.

# IL-BENEFIĊĊJI PRINĊIPALI TAS-SIGURTÀ NAZZJONALI

**Fil-Ġimgħa**

| | | |
|---|---|---|
| Pensjoni Minima ................................ | minn £M20.50 għal £M22.80* | żieda ta' £M 2.30 |
| Pensjoni Massima .............................. | minn £M57.70 għal £M70.50 | żieda ta' £M12.80 |
| Allowance tat-tfal (l-ewwel tlieta) ................ | minn £M 7.10 għal £M 7.90 | żieda ta' £M 0.80 |
| Pensjoni ta' Armla taħt is-60 sena li tinkludi pensjoni supplimentari .................................. | minn £M19.68 għal £M20.88 | żieda ta' £M 1.20 |
| Pensjoni ta' Armla 'l fuq minn 60 sena ............ | minn £M13.05 għal £M14.50* | żieda ta' £M 1.45 |
| Benefiċċju tat-Tqala ............................ | minn £M 5.00 għal £M 5.50 | żieda ta' £M 0.50 |

**Kuljum**

| | | |
|---|---|---|
| Benefiċċju tal-Mard ............................ | minn £M 3.25 għal £M 3.55 | żieda ta' £M 0.30 |
| Benefiċċju Speċjali għad-Disimpieg .............. | minn £M 3.25 għal £M 3.55 | żieda ta' £M 0.30 |
| Benefiċċju għall-Korriment ...................... | minn £M 5.05 għal £M 5.55 | żieda ta' £M 0.50 |

# GĦAJNUNA PUBBLIKA

**I. Għajnuna Soċjali**

**fil-Ġimgħa**

| | | |
|---|---|---|
| Persuna waħda ............................ | minn £M13.05 għal £M14.50 | żieda ta' £M 1.45 |
| 2 Persuni .................................. | minn £M15.30 għal £M17.00 | żieda ta' £M 1.70 |
| 5 Persuni .................................. | minn £M21.40 għal £M23.80 | żieda ta' £M 2.40 |

**II. Pensjoni Mhux Kontributorja tax-Xjuħ jew tal-Għomja**

**Fil-Ġimgħa**

| | | |
|---|---|---|
| Persuna Waħda ............................ | minn £M13.05 għal £M14.50 | żieda ta' £M 1.45 |
| Koppja miżżewġa .......................... | minn £M20.50 għal £M22.80 | żieda ta' £M 2.30 |

* Dan l-ammont jista' jiżdied sa £M3 oħra (fil-każ ta' Pensjoni Minima) u sa £M2 oħra (fil-każ ta' Armla 'l fuq minn 60 sena) jekk b'din iż-żieda extra l-ammont totali ta' pensjoni ma jaqbiżx 2/3 (4/9 fil-każ ta' armla) tal-paga kurrenti.

● **ŻIEDA LILL-PENSJONANTI TAL-GVERN**

Dawk il-pensjonanti tal-Gvern li ma jikkwalifikawx għall-benefiċċji tas-Sigurtà Nazzjonali se jingħataw żieda ta' £M2.30 fil-ġimgħa jekk ikunu miżżewwġa, u £M1.45 fil-ġimgħa jekk ikunu weħidhom. Din iż-żieda jeħduha sakemm ma jkunux qegħdin jirċievu xi żieda oħra jew għax qed jaħdmu inkella għax jibbenefikaw minn assistenza oħra li qed jagħti il-Gvern.

● Skema ta' Sigurtà kontra l-korriment waqt ix-xogħol li biha s-''self-employed'' li jkunu jaħdmu f'ċerti snajja' jkunu jistgħu jieħdu l-benefiċċji li jieħdu l-impjegati fil-każ ta' korriment.

# Benefiċċji Soċjali

HIDMA GĦAQLIJA
TAL-GVERN SOĊJALISTA

## GĦAJNUNA SOĊJALI

L-ogħla rata ta' benefiċċju kull ġimgħa għal familja ta' ħamsa.




## PENSJONI TAX-XJUĦ

L-ogħla rata li titħallas kull ġimgħa lil koppja miżżewwġa



# ● TNAQQIS FIT-TAXXA FUQ ID-DĦUL

Mindu tela' fil-Gvern il-Partit Soċjalista Malti, il-"personal allowances" ikunu għolew b'£M660 għal koppja miżżewġa u b'£M410 għal minn hu għażeb, jiġifieri dawn l-"allowances" ġew iżjed minn irduppjati mill-Gvern Soċjalista.

B'dawn il-miżuri dwar l-"Income Tax" id-dħul minn din it-taxxa fuq bażi ta' "assessment" għas-sena bażi 1982 ser ikun madwar £M8 miljuni inqas milli kien ikun id-dħul kieku dawn il-miżuri ma ttieħdux.

## TIBDIL FIR-RATI TAT-TAXXA DWAR L-INCOME

**RATI PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| Tnaqqis personali: | Ġuvni/Xebba . | £M 635 |
| | Miżżewġin .... | £M1,070 |

Rati:

| | |
|---|---|
| Fuq l-ewwel £M100 taxxabbli ...... | 5c fil-£M |
| Fuq il-£M100 li jmiss .............. | 10c fil-£M |
| Fuq il-£M500 li jmiss .............. | 15c fil-£M |
| Fuq il-£M500 li jmiss .............. | 20c fil-£M |
| Fuq is-£M600li jmiss .............. | 25c fil-£M |
| Fuq l-£M1,200 li jmiss ............ | 30c fil-£M |
| Fuq is-£M600 li jmiss ............ | 40c fil-£M |
| Fuq is-£M600 li jmiss ............ | 50c fil-£M |
| Fuq it-£M800 li jmiss .............. | 60c fil-£M |
| Fuq il-bqija ...................... | 65c fil-£M |

**RATI ĠODDA**

| | | |
|---|---|---|
| Tnaqqis personali: | Ġuvni/Xebba . | £M 710 |
| | Miżżewġin .... | £M1,200 |

Rati:

| | |
|---|---|
| Fuq l-ewwel £M200 taxxabbli ...... | 2c fil-£M |
| Fuq il-£M100 li jmiss .............. | 5c fil-£M |
| Fuq il-£M100 li jmiss .............. | 7c fil-£M |
| Fuq il-£M200 li jmiss .............. | 10c fil-£M |
| Fuq it-£M300 li jmiss .............. | 15c fil-£M |
| Fuq il-£M500 li jmiss .............. | 20c fil-£M |
| Fuq is-£M700 li jmiss ............ | 25c fil-£M |
| Fuq l-£M1,500 li jmiss ............ | 30c fil-£M |
| Fuq is-£M700 li jmiss ............ | 40c fil-£M |
| Fuq is-£M700 li jmiss ............ | 50c fil-£M |
| Fuq l-£M2,000 li jmiss ............ | 60c fil-£M |
| Fuq il-bqija ...................... | 65c fil-£M |

* * *

## KEMM SER TIFFRANKA BIR-RATI L-ĠODDA TAL-"INCOME TAX"

| Ammont taxxabbli | Kemm kont tħallas qabel | Kemm ser tħallas fl-1982 | Kemm ser tiffranka | X'persentaġġ (%) ser tħallas inqas minn qabel |
|---|---|---|---|---|
| £M | £M | £M | £M | % |
| 200 | 15 | 4 | 11 | 73.3 |
| 300 | 30 | 9 | 21 | 70.0 |
| 400 | 45 | 16 | 29 | 64.4 |
| 600 | 75 | 36 | 39 | 52.0 |
| 900 | 130 | 81 | 49 | 37.7 |
| 1,400 | 240 | 181 | 59 | 24.6 |
| 2,100 | 430 | 356 | 74 | 17.2 |
| 3,600 | 940 | 806 | 134 | 14.3 |
| 4,300 | 1,300 | 1,086 | 214 | 16.5 |
| 5,000 | 1,720 | 1,436 | 284 | 16.5 |
| 7,000 | 3,020 | 2,636 | 384 | 12.7 |

# KIF SER JOGĦLA D-DĦUL NETT*
# TA' DIVERSI KATEGORIJI TA' IMPJEGATI

| Status, dħul u żieda | Paga minima Nazzjonali | Group C mal-Gvern | Group D, Clerk I eċċ. mal-Gvern | Clerk II, Teacher I, eċċ. mal-Gvern |
|---|---|---|---|---|
| | £m | £M | £M | £M |
| **Miżżewweġ, 3 itfal** | | | | |
| Dħul nett 1982 ....... | 1954 | 2213 | 2287 | 2511 |
| Dħul nett 1981 ....... | 1730 | 1983 | 2057 | 2275 |
| Żieda (£M) 1982 ...... | 224 | 230 | 230 | 236 |
| Żieda bħala % ....... | 12.9% | 11.6% | 11.2% | 10.4% |
| **Miżżewweġ, 2 itfal** | | | | |
| Dħul nett 1982 ....... | 1862 | 2119 | 2193 | 2416 |
| Dħul nett 1981 ....... | 1640 | 1892 | 1968 | 2183 |
| Żieda (£M) 1982 ...... | 222 | 227 | 225 | 233 |
| Żieda bħala % ....... | 13.5% | 12.0% | 11.4 | 10.7% |
| **Miżżewweġ, tifel 1** | | | | |
| Dħul nett 1982 ....... | 1722 | 1979 | 2053 | 2276 |
| Dħul nett 1981 ....... | 1511 | 1765 | 1839 | 2053 |
| Żieda (£M) 1982 ...... | 211 | 214 | 214 | 223 |
| Żieda bħala % ....... | 14.0% | 12.1% | 11.6% | 10.9% |
| **Miżżewweġ bla tfal** | | | | |
| Dħul nett 1982 ....... | 1540 | 1797 | 1871 | 2094 |
| Dħul nett 1981 ....... | 1350 | 1604 | 1678 | 1892 |
| Żieda (£M) 1982 ...... | 190 | 193 | 193 | 202 |
| Żieda bħala % ....... | 14.1% | 12.0% | 11.4% | 10.7% |
| **Ġuvni/Xebba** | | | | |
| Dħul nett 1982 ....... | 1481 | 1712 | 1782 | 1992 |
| Dħul nett 1981 ....... | 1282 | 1521 | 1591 | 1795 |
| Żieda (£M) 1982 ...... | 199 | 191 | 191 | 197 |
| Żieda bħala % ....... | 15.5% | 12.6% | 12.0% | 11.0% |

* Id-dħul nett jinkludi l-Bonus annwali biċ-"Children's Allowance" fejn applikabbli u fih imnaqqas il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali u l-"Income Tax". Fejn il-pagi huma bl-iskala, il-paga ġiet kalkulata li laħqet nofs l-iskala.

# ● PORTIJIET

L-ammont totali taħt il-vot ta' l-Iżvilupp ta' Portijiet jilħaq £M9.4 miljuni, li iżjed minn nofshom, jiġifieri £M5.7 miljuni, ser jintefqu fuq il-proġett ta' Marsaxlokk għall-bini ta' 'breakwater' u l-bini ta' mollijiet. Taħt l-istess vot hemm kważi miljun lira biex jitkompla l-moll li jgħaqqad 'Magazine Wharf' ma' Dock No. 6 fil-Port il-Kbir u żewġ miljuni oħra għall-bini u għall-impjant ta' 'Grain Silo' ta' mitt elf tunnellata f'Kordin.



**Il-Port ta' Marsaxlokk.**

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# ● AGRIKOLTURA



**Il-linja tal-produzzjoni fl-M.M.U.**

Taħt il-vot ta' l-Agrikoltura, il-Gvern ħa ħsieb biex jipprovdi l-flus meħtieġa għat-trasport ta' prodotti agrikoli minn Għawdex għal Malta mingħajr ħlas mill-bdiewa Għawdxin.

Mis-somma ta' £M1.4 miljuni provduti taħt il-vot tal-Biedja u Sajd, madwar nofsha se tintefaq fuq il-proġett ta' riklamazzjoni ta' art mogħxa f'Għar Lapsi, il-Manikata u Kemmuna. Parti oħra se tintefaq biex l-ilma li jissaffa mill-impjant li qed jinbena f'Marsaskala jiġi mwassal lill-bdiewa. **Madwar 640 ettaru ta' raba' se jibda jirċievi l-ilma għall-irrigazzjoni minn dan l-impjant.**

● Hemm is-somma ta' £M108,000 għax-xiri ta' impjant għat-tkomplija tal-modernizzazzjoni ta' l-Impriża għall-Bejgħ tal-Ħalib.

Taħt il-Vot tal-Agrikoltura l-Gvern qed jaħseb biex jipprovdi l-flus meħtieġa għat-trasport ta' prodotti agrikoli minn Għawdex għal Malta mingħajr ħlas mill-bdiewa Għawdxin. Dan it-trasport għandu jkun ta' benefiċċju kemm għall-bdiewa innifishom kif ukoll għall-mara tad-dar.

# Infrastruttura

## ● PROVVISTA TA' ILMA

Il-Gvern qed jipprovdi somma ta' £M8.6 miljuni. It-tqegħid ta' 'pipeline' taħt il-baħar minn Għawdex għal Kemmuna u Malta tlesta. Fil-fatt ġa beda jiġi ippumpjat l-ilma minn Għawdex għal Malta.

Sadanittant tinħass il-ħtieġa li l-produzzjoni ta' l-ilma tiżdied mhux biss b'mod konvenzjonali, imma anki b'mezzi oħra, **u dan minħabba ż-żieda kontinwa tal-konsum kaġunati mill-iżvilupp kontinwu industrijali u speċjalment tat-turiżmu.** Għaldaqstant għadha kif ħarġet offerta għax-xiri u bini ta' impjant għad-distillazzjoni ta' għoxrin elf metru kubu (4.4 miljuni glalen) ta' ilma baħar kuljum sabiex tikber il-provvista ta' ilma tax-xorb. Għal dan il-għan il-Gvern qed jipprovdi s-somma ta' £M6.5 miljuni.

Il-kumplament tal-vot ta' l-ilma jipprovdi għat-tħaffir ta' 'boreholes' għall-bini ta' 'reservoirs' u lqugħ fil-widien u għal erba' impjanti għat-tisfija ta' l-ilma tax-xita.



**Il-proġett ta' Risq il-Widien f'Wied Ħesri limiti tas-Siġġiewi.**



## ● TOROQ

Il-programm tal-bini ta' toroq għas-sena 1982, jinkludi fih **it-Triq ta' l-Għadira, il-Bypass ta' San Pawl il-Baħar u Triq mill-Mosta għan-Naxxar,** u huwa stmat li jilħaq b'kollox £M1.2 miljuni. L-ammont ta' £M640,000 taħt il-vot tad-drenaġġ jipprovdi għall-estensjoni ta' drenaġġ f'diversi nħawi u għal devjazzjoni ta' 'main' minn Ħal Qormi u l-Marsa li għal raġunijiet tekniċi qed joħloq inkonvenjent f'dawn l-inħawi.

**Triq Diċembru Tlettax.**

## SAHHA

Il-Gvern daħħal l-Iskema Nazzjonali tas-Saħħa li biha l-kura u l-operazzjonijiet huma b'xejn għal kulħadd fi sptarijiet li jħabbtuha ma' l-aħjar fid-dinja.

F'dan is-settur tas-saħħa, barra milli jkompli jestendi s-servizzi mediċi u jiftaħ fergħat ġodda fl-Isptarijiet, il-Gvern ser ikompli jsaħħaħ is-servizzi l-oħra ta' "Saħħa fost il-Poplu" fl-ibliet u l-irħula permezz ta' żieda ta' 'clinics', ħalli b'hekk jiżdied il-kuntatt aktar dirett mal-poplu kif ukoll jinkoraġġixxi n-nies jieħdu ħsieb aħjar ta' saħħithom. Bl-istess skop qed jitkompla l-programm kontra d-dijabete u mard ieħor kroniku. Dawn is-servizzi kemm fl-isptarijiet kif ukoll fil-'clinics' ser jibqgħu jingħataw b'xejn bħala parti mill-Iskema Nazzjonali tas-Saħħa.

L-ispiża taħt il-vot tas-Saħħa u Ambjent hi stmata li tilħaq madwar £M1.1 miljun in konnessjoni mal-programm ta' modernizzazzjoni ta' l-isptarijiet kif ukoll għaxxiri ta' tagħmir bħalma hu dak għad-Dipartiment ta' l-X Ray.



**Il-Gvern se jkompli jsaħħaħ is-Servizz tas-Saħħa fil-Komunità.**

**Il-Qasam tad-Djar f'Santa Luċija.**



## DJAR

Il-Gvern wettaq programm vast ta' bini ta' djar u 'flats' li bih ipprovda aktar minn 5,000 bejn djar u 'flats' f'diversi nħawi f'Malta u Għawdex u qassam 'il fuq minn 3,800 'plot', barra minn benefiċċji oħra taħt forma ta' ċens baxx u self ta' flus b'rati baxxi.

# ● EDUKAZZJONI

Saru riformi kbar fl-Edukazzjoni sabiex it-tagħlim ikun marbut aktar mill-qrib ma' l-iżvilupp nazzjonali. Infetħu skejjel għat-taħriġ tas-snajja' u twaqqfet l-Iskema ta' Ħaddiem/Student li biha kull min hu kapaċi jista' jibqa' jistudja biex isir tabib, avukat, perit jew inġinier **mingħajr ma jkun ta' ebda piż fuq il-familja,** anzi jibqagħlu l-flus fil-but mix-xogħol li jkun qed jagħmel.

Il-Gvern ser ikompli jagħmel enfasi fuq il-kwalità tas-servizzi kollha speċjalment billi jagħti spinta għall-iżvilupp tal-'Junior Lyceums', l-espansjoni ta' l-Iskema tat-'Training' fl-'Extended Skills' u t-tisħiħ ta' l-'Industrial Design Centre' li għadu kif infetaħ.



**Il-Liċeo Vassalli f'tal-Ħandaq**



**Wieħed mill-Oqsma Industrijali.**

# ● IMPIEGI

Minkejja l-egħluq tal-bażi barranija li kienet timpjega eluf ta' ħaddiema, il-Gvern irnexxielu jżid in-numru ta' dawk li jaħdmu minn **99,100** għal **116,771** żieda ta' madwar **18,000** ruħ.



# ● TURIŻMU

L-ammont ta' £M250,000 huwa intiż biex jiffinanzja parti mill-ispiża totali ta' £M0.75 miljun meħtieġa biex jitwettaq il-programm ta' pubbliċità għas-sena 1982.